**QORTI TAL-APPELL**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru: 27**

**Rikors Numru: 208/13 SM**

**Michele Peresso Limited (C – 6469) u**
**Michele Peresso Fashion Limited (C – 45807)**

**v.**

**Upim S.r.l. kumpanija estera Registata Milan, l-Italja,**
**Cod. Fiscale 05034590967 u**
**Gruppo Coin S.p.A. kumpanija Estera registrata Mestre (VE),**
**via Terraglio n. 17, 30174, l-Italja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet Michele Peresso Limited u Michele Peresso Fashion Limited tal-1 ta' Marzu, 2013, li fih jinghad hekk:

"1. Illi s-soċjetajiet rikorrenti Michele Peresso Limited ("MPL") u Michele Peresso Fashion Limited ("MPL") huma soċjetajiet attivi ħafna fis-suq tal-importazzjoni tal-bejgħ bl-imnut ta' ħwejjeġ u aċċessorji, u distributuri ewlenin fil-

gżejjer Maltin ta' numru kbir ta' *brands* mondjali u joperaw diversi ħwienet madwar Malta u Għawdex;

"2. Illi s-soċjetà intimata Upim S.r.l. ("UPIM") kienet ditta storika fil-qasam tal-ħwejjeġ u l-aċċessorji ġewwa l-Italja bi ħwienet imferrxa madwar it-territorju Taljan kollu u għal għexieren ta' snin kienet *household name* fl-Italja f'dak li għandu x'jaqsam ma' dan is-settur qabel ma l-istess kumpanija bdiet issofri telf enormi u eventwalment matul l-2009 hija ġiet akkwistata fl-intier tagħha mis-soċjetà intimata l-oħra Gruppo Coin S.p.A. ("COIN") ossija waħda mill-akbar kumpaniji Taljani fil-qasam tad-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' ħwejjeg u aċċessorji tal-ħwejjeġ;

"3. Illi matul is-sena 2008 wara kuntatti inizzjali, is-soċjetà rikorrenti MPL kienet bdiet negozjati estensivi mal-UPIM sabiex tkun tista' tibda tirrappreżenta f'xi forma jew oħra lil din id-ditta u l-prodotti li tiddistribwixxi hi ġewwa Malta u tintroduċiha fis-suq Malti;

"4. Illi dawn in-negozjti fost l-oħrajn tmexxew minn l-ogħla rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet involuti fosthom is-Sur Emanuel Peresso min-naħa ta' MPL u Luca Rossetto, Chief Executive Officer (CEO) tal-UPIM li wera interess kbir f'dan in-negozju u li eventwalment ġew konklużi bil-Franchising Agreement esklussiv ta' għaxar (10) snin taċitament rinnovabbli għal għaxar (10) snin oħra bejn iż-żewġ ditti iffirmat fis-sittax (16) ta' Ottubru 2008;

"5. Illi in kontemplazzjoni ta' tali ftehim u minħabba l-obbligi li kienu jridu jiġu assunti in vista ta' dak il-ftehim, l-għola tmexxija tagħha kienet insistiet bil-qawwa kollha li MPL tfittex u eventwalment tikkonkludi l-akkwist jew il-kiri ta' *prime retail sites* madwar il-gżejjer Maltin sabiex il-franchise li kien sejjer jiġi mogħti lilha jkun jista' jirnexxi u sabiexc l-UPIM u l-prodoti tagħha jkollhom l-ogħla viżiliblita` possibbli fis-suq Malti;

"6. Illi kif sejjer jiġi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, MPL, dejjem bi qbil u wara korrispondenza kostanti mal-ogħla rappreżentanti tal-UPIM fl-Italja hekk għamlet u fetħet jew ippruvat tiftaħ tlett (3) ħwienet kbar f'siti strateġiċi madwar il-gżejjer Maltin ossija fil-kumpoless de Tigne` f'Tas-Sliema, ġewwa Triq Melita fil-Belt Valletta (ex Clamus Centre) u fid-Duke Shopping Complex fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat Għawdex;

"7. Illi fuq soliċitazzjonijet tal-UPIM u in kontemplazzjoni tal-Franchise Agreement imsemmi sabiex setgħu jinfetħu dawn il-*branded outlets* tal-UPIM, is-soċjetà MPL daħlet

għal kuntratti ta' kera onerużi ħafna (min-natura tas-sit u l-pozizzjoni li ntalbet) u ntefqu għexieren ta' eluf ta' ewro f'benefikati u rranġar tal-fondi in kwistjoni li eventwalment infetħu (ħlief finalment dak ta' Tas-Sliema) bħala ħwienet taħt l-insinji tad-ditta UPIM u fid-data tal-ftuħ saħansitra attendew l-ogħla uffiċjali tal-UPIM (dakinhar) bħal Luca Rossetto (CEO), Franco Chiarizio (Franchise Manager) u Piero Maldini;

"8. Illi minn dak li taw x'jifhem l-UPIM, iż-żewġ soċjetajiet kellhom jibdew relazzjoni fit-tul (tal-inqas għaxar snin rinnovabbli), MPL għamlet l-investimenti li kellha tagħmel u l-espansjoni barra mit-territorju Taljan għall-UPIM kienet bdiet issir realta` bl-isforzi u l-investiment oneruż immens ta' MPL;

"9. Illi iżda xejn ma seta' jkun aktar 'il bogħod mir-realtà tal-fatti għaliex dak li l-ogħla diriġenti tal-UPIM ma kienux qalu **qatt** lil MPL (u l-MPL ma setgħux jissuponu) kien li l-UPIM kienet effettivament soċjetà għal kollox falluta, b'passiv enormi ta' miljuni ta' euro ta' dejn, li ma kenitx vijabbli u kellha immaġini ġewwa l-Italja (kif stqarrew diversi drabi l-amministraturi kemm tl-UPIM kif ukoll tal-COIN) ta' prodotti skaduti, antiwati u skadenti tant li fi ftit xhur wara l-konklużjoni tal-Franchise Agreement l-istess soċjetà, mgħobbija b'dejn enormi, inxtrat mis-soċjetà intimata l-oħra COIN, soċjetà kkwotata fil-borża ta' Milan li fi kwistjoni ta' ftit xhur żarmat kważi l-ħwienet kollha tal-UPIM madwar l-Italja, effettivament qatlet il-brand u wżat l-outlets tal-UPIM madwar l-Italja sabiex tintroduċi u tferrex il-brands tagħha OVS u COIN u l-ftit negozju tal-UPIM li kien meqjus vijabbli ġie rebranded bħala UPIM Pop;

"10. Illi dan kollu, illum, x'ħin wieħed iħares lura '*col senno di poi*' issa jifhem sew għaliex sa mill-ewwel xhur tal-franchise agreement (kif sejjer jiġi ampjament ippruvat) l-UPIM kienu assolutament inadempjenti fuq il-kuntratt – merkanzija tasal tard, merċealoġija antika, ħwejjeġ ordnati ħażin u ma jaqblux mal-ordni, nuqqas ta' katalgi u ta' materjal frisk ta' produzzjoni eċċ. L-UPIM kienet ad inaputa ta' MPL kumpanija li kienet qed tieħu l-aħħar nifsijiet ta' ħajja li kienet spaċċata mid-diriġenti tagħha bħala kumpanija li setgħet tidħol f'rabta kuntrattwali twila ta' mill-anqas għaxar snin meta kienet ġranet il-bogħod mill-kollass totali evitat biss bix-xiri tal-azzjonijiet tagħha mill-COIN. Iċ-ċirkostanzi ftit kienu fattwalment 'il bogħod milli wieħed jistqarr li in vista tar-ristrutturar enormi li kellhom f'moħħhom l-amministraturi taż-żewġ soċjetajiet intimati li ppjanaw u wettqu l-akkwist tal-UPIM mill-COIN

il-ftehim mal-MPL serva biss sabiex jeħilsu minn dik il-merkanzija ġdida iżda mlaqqta ġewwa Malta a skapitu u spejjeż tal-istess MPL. Dan il-ftehim ġie konkluż malizzjożament meta ma kienx għad hemm sistema kredibbli ta' distribuzzjoni u qatt ma seta wieħed in buona fede jistenna li dan il-kuntratt deċennali seta' jiġi onrat min-naħa tas-soċjetajiet intimati jew min minnhom għaliex kif irriżulta wara li ġie konkluż il-ftehim l-intenzjonijiet tal-amministraturi tal-intimati kienu saħansitra fi żmien in-negozjati pre-kuntrattwali diġà totalment differenti, ossija li l-UPIM (akkwistata mill-COIN) toħroġ totalment minn dak il-mudell ta' distribuzzjoni u mill-bejgħ ta' dawk it-tip ta' prodotti;

"11. Illi biżżejjed li wieħed jgħid illi f'dak l-istess żmien (dakinhar stess) li nfetaħ il-ħanut tal-UPIM fil-Belt Valletta, ir-rappreżentanti tal-UPIM ma setgħux jiġu Malta u ħassru fl-aħħar minuta. Kif sejjer jirriżulta f'dawn il-proċeduri dan seħħ minħabba *Governance Meeting* illi issiġilla t-trasferiment tal-ishma lil COIN li xtrat lill-UPIN espressamenty bl-intenzjoni li żżarma dak l-operat tal-UPIM.

"12. Illi s-soċjetà intimata COIN imbagħad anke wara li ħadet il-kontroll tal-intimata l-oħra baqgħet, tramite l-ogħla rappreżentanti tagħha, għaddejja b'dan l-aġir malizzjuż u inkoraġġiet il-ftuħ ta' outlet oħra f'Tas-Sliema filwaqt li r-rappreżentanti tagħha, sabiex ipattu għan-nuqqasijiet enormi fil-kuntratt oriġinali li kienu ser jgħadduhlhom id-distribuzzjoni ta' brands oħra tal-Gruppo Coin bħall-Oviesse (OVS), liema assiguazzjonijiet sussegwentement qatt ma twettqu. Fuq dawn l-assigurazzjonijiet is-soċjetajiet attriċi bdew jaħdmu u daħlu f'lokazzjoni oneruża mmens ta' ħanut ieħor fil-qalba ta' Tas-Sliema li eventwalment ma nfetaħx fuq struzzjonijiet bil-kontra tal-istess rappreżentanti tal-intimata COIN u dan għad-dannu enormi tal-istess soċjetajiet rikorrenti;

"13. Illi din il-kawża iżda mhix kawża dwar l-għexieren ta' inadempjenzi kuntrattwali kommessi mill-UPIM a skapitu ta' MPL u MPFL (li ssuċċediet lil MPL) fuq il-Franchise Agreement liema proċeduri jitressqu separatament kontra l-istess UPIM fil-Qrati ta' Milan li huma l-Qrati kompetenti in vista tal-Artikolu 28 tal-istess ftehim;

"14. Illi din hija kawża għal danni inġenti kaġunati mis-soċjetajiet intimati jew min minnhom meta bl-aġir tagħhom, kemm qabel il-konklużjoni, kif ukoll fid-durata tal-Franchise Agreement, dolożament jew b'negliġenza grossolana:

"a. L-UPIM ikkonkludiet mas-soċjetà MPL fi Franchise Agreement ta' għaxar (10) snin u dan minkejja li kienet ben konspevoli tas-sitwazzjoni finanzjarja diżastruża tagħha u tal-fatt li qatt ma setgħet tkun f'pożizzjoni li tonora l-obbligi tagħha, in kontemplazzjoni ta' liema ftehim MPL daħlet f'obbligi onerużi mmens u dan fuq premessi totalment foloz jew li evidentement ma setgħux jinżammu;

"b. Qabel ma ġie konkluż il-kuntratt baqgħet timbotta lill-MPL u mbagħad lil MPFL sabiex jidħlu f'obbligi onerużi sabiex jiksbu postijiet fi *prime locations* għall-bejgħ tal-prodotti illi UPIM u sussegwentement COIN kienu jafu li ma setgħux jonoraw;

"c. L-UPIM l-ewwel approvat u mbuttat lis-soċjetajiet rikorrenti sabiex jikkonkludu ftehim ta' kera ġewwa Tas-Sliema u biss ftit ġimgħat wra l-konklużjoni ta' dak il-ftehim dolożament new b'negliġenza grossolana marret lura minn dak kollu li qalet u rrifjutat li tiftaħ dik l-*outlet* minħabba problemi fl-istruttura tal-fond naturalment għad-dannu tar-rikorrenti li kienu laħqu kkonkludew kirja ta' post ċentralissimu fuq struzzjonijiet u approvazzjoni tal-ogħla rappreżentanti tal-intimata UPIM;

"d. Is-soċjetà intimati jew min minnhom kienu jafu li ma setgħux iwettqu l-obbligi tagħhom li kienu qed jiġu kostantement assunti tul il-kuntratt;

"e. Is-soċjetajiet intimati jew min minnhom minn fuq malizzjożament u bl-akbar ardir ġew Malta sabiex saħansitra jiġbdu fuq il-garanzija bankarja fornita fil-kuntest tal-Franchise Agreement u b'hekk jarrekaw dannu massimu lill-esponenti u dan fi stadju meta kienu ben konsapevoli tas-sitwazzjoni u tal-problemi enormi li kienu ħolqu huma stess lir-rikorrenti;

"f. Id-diretturi u rappreżentanti tal-intimata COIN. Wara li l-COIN akkwistat l-UPIM, komplew fejn ħallew ir-rappreżentanti tal-UPIM u taw malizzjożament jew b'negliġenza grossolana diversi wegħdiet fiergħa intiżi skont huma sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni fosthom billi jagħtu distribuzzjoni ta' brands oħrajn bħall-OVS, liema wegħdi wasslulir-rikorrenti sabiex jibqgħu jittamaw għal xhur sħaħ u jkomplu jakkumulaw it-telf għal xejn għaliex effettivament qatt ma avveraw ruħhom anzi fl-istess ħin ingħataw permessi lil ħaddieħor f'Malta sabiex ikomplu jinfetħu ħwienet oħrajn tal-OVS;

“15. Illi dan l-aġir lamentat jikkostitwixxi delitt u kważi-delitt ċivili (*tort u quasi-tort*) u ai termini tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Ewropew Nru. 44/200/KE dwar *Ġurisdizzjoni u Rikonoxximent u Eżekuzzjoni Ta’ Sentenzi f’Materji Ċivili u Kummerċjali* u l-ġurisprudenza vasta tal-Qorti Ewropea fuq dan il-punt, “*il-post fejn l-effett tal-hsara jkun twettaq jew jista’ jitwettaq*” huwa Malta u kwindi hija din l-Onorabbli Qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq din il-kwistjoni;

“16. Illi iżda ai termini tal-Artikoli 4(1) u 12 tar-Regolament Ewropew Nru 864/2007/KE dwar *il-Liġi Applikabbli għall-Obbligazzjonijiet mhux Kuntrattwali (Ruma II)* f’dak li għandu x’jaqsam mal-għemejjel delittwali li ġew sofferti mis-soċjetà rikorrenti qabel il-konklużjoni tal-Frenchise Agreement tapplika l-liġi sostantiva Taljana (Art. 12 dwar il-*culpa in contrahendo*) filwaqt illi għall-għemejjel delittwali mwettqa war tapplika l-liġi Maltija ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmi Regolament;

“Għaldaqstant, in vista tas-suespost u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra meħtieġa u opportuna, jgħidu l-intimati għliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli versu s-soċjetajiet rikorrenti għad-danni kkaġunati bl-aġir doluż tagħhom;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetajiet rikorrenti kaġun tal-imsemmi aġir tal-intimati jew min minnhom okkorrendo bil-hatra ta’ periti nominandi;

“3. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu hekk likwidati minnha;

“Bl-ispejjeż ta’ dawn l-atti u l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li minn issa qed jiġu nġunti in subizzjoni u b’riserva għal kwalunkwe azzjoni kuntrattwali ulterjuri spettanti lir-rikorrenti skont il-liġi.”

Rat ir-risposta guramentata ta’ Upim S.r.l. u ta’ Gruppo Coin S.p.A.,ipprezentata fit-8 ta’ Mejju, 2013, fejn gie eccepit is-segwenti:

“**I**. ILLI, in linea preliminari, l-kumpannija Upim S.r.l. hija inezistenti billi, kif gie tajjeb premess mill-kumpanniji attrici fir-rikors gurmentat promutorju taghhom, l-istess Upim S.r.l. “giet akkwistata fl-interezza taghha mis-socjetà intimata l-ohra

Gruppo Coin S.p.A.”, ossija giet amalgamata mal-kumpannija eccipjenti Gruppo Coin S.p.A. b’effett mill-1 ta’ Jannar 2013, u ghalhekk it-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront tal-istess Upim S.r.l. ma jistghu qatt jirnexxu, u konsegwentement ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici;

“**II.** ILLI, in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanniji eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-kumpanniji attrici, billi, skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 741(a) u (c) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), din l-Onorabbli Qorti m’hijiex kompetenti sabiex tisma’ u tiddeciedi din il-kawza, u dan kemm ghaliex din l-istess kawza m’hijiex ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ Malta, u anke ghaliex il-kumpanniji eccipjenti huma moghtija l-beneficcju li jigu msejjha quddiem Qorti partikolari li m’hijiex dik odjerna;

“**III.** ILLI, in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanniji eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-kumpanniji attrici, billi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex il-gurisdizzjoni rikjesta sabiex tisma’ u tiddeciedi din il-kawza billi l-istess kumpanniji eccipjenti ma jikkwalifikawx bhala persuni li dwarhom tista’ tinstema u tigi deciza xi kawza minn din l-Onorabbli Qorti, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 742 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

“**IV**. ILLI, in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanniji eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-kumpanniji attrici, billi l-kumpanniji kontendenti kienu ftiehmu, ghall-fini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 23 tar-Regolament Ewropew dwar il-Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Ezekuzzjoni ta’ Sentenzi f’materji Civili u Kummercjali (Regolament Numru 44/2011/KE), illi kwalsiasi disputa li tista’ tirrizulta mir-relazzjoni guridika ta’ bejniethom kellha tigi regolata bil-ligi Taljana, u li kellha tkun il-Qorti ta’ Milan illi kieku jkollha gurisdizzjoni esklussiva dwar l-istess imsemmija disputa;

“**V.** ILLI, in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanniji eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-kumpanniji attrici, billi m’huwiex minnu illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-gurisdizzjoni rikjesta sabiex tisma’ u tiddeciedi din il-kawza, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Ewropew dwar il-Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Ezekuzzjoni ta’ Sentenzi f’materji Civili u Kummercjali, kif allegat mill-kumpanniji attrici fir-rikors guramentat promutorju taghhom, billi, fost ohrajn, l-imsemmi Artikolu japplika biss meta,

kuntrarjament ghal kaz odjern, ma tkunx tezisti wkoll relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet;

"**VI**. ILLI, in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija attrici Michele Peresso Fashion Limited (C 45807) m'ghandhix l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex tipproponi l-azzjoni attrici f'din l-istanza billi l-unika relazzjoni guridika li kellhom il-kumpanniji eccipjenti kienet biss mal-kumpannija attrici l-ohra Michele Peresso Limited (C 6469);

"**VII.** ILLI, in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija eccipjenti Gruppo Coin S.p.A. ma tista' qatt twiegeb ghat-talbiet attrici kif dedotti, ossija kif ibbazati fuq pretensjonijiet ta' natural delittwali u kwazi-delittwali, in kwantu li l-istess talbiet huma bbazati fuq l-allegat agir ta' Upim S.r.l., u dan billi l-istess kumpannija eccipjenti Gruppo Coin S.p.A., bhala socjetà mwettqwa minn socjetà kummercjali ohra, ossija minn Upim S.r.l.;

"**VIII.** ILLI, in linea preliminari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 27 u 28 tar-Regolament Ewropew dwar il-Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Ezekuzzjoni ta' Sentenzi f'materji Civili u Kummercjali, twaqqaf il-procedimenti odjerni u/jew tastjeni milli tassumi gurisdizzjoni billi, kif jirrizulta car u manifest mill-premessi kif dedotti fir-rikors guramentat promutorju, il-kumpanniji attrici ntavolaw proceduri separati fil-konfront tal-istess kumpanniji eccipjenti fil-Qrati ta' Milan dwar l-istess suggett, u ghalhekk prezentement jezistu zewg kawzi relatati li huma pendenti kontestwalment;

"**IX.** ILLI, in linea prelimenari wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

"**X.** ILLI, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi danni sofferti mill-kumpanniji attrici gew ikkagunati unikament mill-istess kumpanniji attrici billi, fost ohrajn, sa mill-bidu tar-relazzjoni taghhom mal-kumpannija eccipjenti Upim S.r.l., huma kienu gia` inadempjenti fl-ezekuzzjoni tal-obbligi taghhom ai termini tal-Franchise Agreement, liema sitwazzjoni baqghet tissussiti matul ir-relazzjoni intiera, b'konsegwenzi finanzjarji gravi fuq l-istess Upim S.r.l. li, bosta drabi, lanqas biss ma kienet qed tithallas tal-merkanzija li kienet qed tforni lill-istess kumpanniji attrici;

"**XI.** ILLI, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanniji eccipjenti qatt ma imponew decizjonijiet amministrattivi fuq il-kumpanniji attrici – inkluz dik relatata mal-

ftuh tal-hanut gewwa tas-Sliema – kif allegat mill-istess kumpanniji attrici fir-rikors guramentat promutorju taghhom, u konsegwentement kwalsiasi danni allegatament sofferti mill-istess kumpanniji attrici in konnessjoni mal-istess decizjonijiet ghndhom jibqghu jigu sopportati interament mill-istess kumpanniji attrici;

“**XII.** ILLI, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi danni sofferti mill-kumpanniji attrici kienu biss rizultat ta’ decizjonijiet hziena li ttiehdu, u t’ investimenti inopportuni li saru, unikament mill-istess kumpanniji attrici, u konsegwentement tali danni ghandhom jibqghu jigu sopportati interament mill-istess kumpanniji attrici;

“**XIII.** ILLI, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-kumpanniji eccipjenti ma kkagunaw l-ebda danni lill-kumpanniji attrici kif allegat fir-rikors guramentat promutorju;

“**XIV.** ILLI, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lill-kumpanniji attrici li jressqu prova cara u skond il-ligi, nkluz skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, tad-danni li gew allegatament subiti minnhom u tan-ness guridiku allegatament ezistenti bejn l-agir tal-kumpanniji eccipjenti u d-danni hekk allegatament subiti mill-istess kumpanniji attrici;

“**XV.** ILLI, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta unikament lill-kumpanniji attrici li jressqu prova cara u skond il-ligi li huma ghamlu minn kollox sabiex jimminimizzaw id-danni allegatament subiti minnhom, kif kien l-obbligu taghhom illi jaghmlu skond il-lilgi u skond il-gurisprudenza nostrana;

“**XVI.** ILLI, fil-meritu izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“**XVII.** SALV rispost ulterjuri permessi mil-ligi.”

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta’ Ottubru, 2015, li permezz taghha, wara li irriteniet li s-socjetajiet konvenuti ma ipprovawx l-eccezzjonijiet preliminari taghhom, iddecidiet il-kawza billi irrespingiet l-eccezzjonijiet kollha preliminari tas-socjetajiet konvenuti, ordnat l-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-mertu tal-kaz, irriservat li

tappunta l-istess kawza ghall-kontinwazzjoni wara li tisma' lir-rapprezentanti legali fir-rigward, u irriservat li tipprovdi fuq il-kap tal-ispejjez fl-istadju finali tal-vertenza.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "7. Illi in vista tal-premess tirrileva li din hi sentenza parzjali ai termini tal-verbal datat l-20 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu l-procedura odjerna kienet hemm ghalhekk iddifferita, (ara foll 557);
>
> "8.0. Illi fir-rigward jigi sintetikament sottolineat is-segwenti:
>
> "8.1. Illi l-procedura odjerna giet indirizzata mir-rikorrenti fil-konfront tas-socjetajiet intimati fejn jirrizulta li s-socjetà Upim S.r.l. giet mhux biss salvata mis-socjetà COIN S.p.a. izda baqghet tilluzinga lill-istess rikorrenti fl-operat socjetarju maghha konkluz meta kienet taf ben tajjeb li s-sitwazzjoni kummercjali taghha kienet prekarja u sahansitra kienet anke qed tipprocedi f'negozjati biex tittiehed kompletament mill-istess socjetà Coin fuq riferita;
>
> " 8.2. Illi di più, jirrizulta wkoll assodat li wara li assorbiet lill-istess socjetà Upim fuq riferita, is-socjetà Coin ghazlet li tippartecipa fl-azzjoni odjerna u tikkonfuta t-talbiet tar-rikorrenti;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "9.0. Illi rigward l-allegata nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qorti odjerna biex tidditermina l-procedura odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:
>
> "9.1. Illi n-negozju in dizamina gie konkluz fil-gurisdizzjoni Maltija u kellu jigi wkoll ezegwit mill-istess partijiet fl-istess gurisdizzjoni;
>
> "9.2. Illi l-uniku limitazzjoni li tirrizulta hi li l-kontendenti jidher li qabblu li f'kaz ta' kwistjonijiet ir-relazzjoni kellha tigi rizolta ai termini tal-ligi taljana – haga li f'din il-fazi tal-procedura ghadha prematura;
>
> "9.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-klawsola 28.2. tal-"Franchising Agreement", (ara foll 115), li tghid:
>
> "Any dispute concerning the interpretation, validity, performance and termination of this agreement and of the single supplies of products by the Franchiser to the Franchise shall be subject to the exclusive

jurisdiction of the Court of Milan. Without prejudice to the foregoing, the Franchiser shall be furthermore be entitled to summon the Franchisee before the competent court on the basis of the registered offices of the Franchisee";

"9.4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-limitazzjoni gurisdizzjonali tirrigwarda biss dawk il-kwistjonijiet li jistghu jqumu bejn il-partijiet involuti fil-"franchise", u mhix estiza ghal kwalsiasi kwistjoni li tista' tirrizulta bejn l-istess kontendenti;

"9.5. Illi in effetti, ghandu jkun pacifiku li l-vertenza in dizamina hi ghal kollox indipendenti mill-ftehim rigwardanti l-"franchise" u fil-fatt tikkoncerna kwistjoni ta' dolo jew negligenza grossolana allegatament kommessa mis-socjetajiet intimati li minhabba fihom ir-rikorrenti aderew din il-qorti in tutela tad-drittijiet li huma jidhrilhom li ghandhom;

"9.6. Illi ghalhekk, stante li l-kwistjoni kontrattwali tal-"franchise" mhix il-mertu tal-procedura in dizamina, din il-qorti ssostni li allura ghandha gurisdizzjoni tisma' l-lanjanza impoggija quddiemha stante li effettivament l-allegazzjoni in dizamina tirrigwarda d-dolo u n-negligenza allegati;

"Ikkunsidrat:

"10.0. Illi di più jirrizulta wkoll sintetikament is-segwenti:

"10.1. Illi s-socjetà intimata Gruppo COIN S.p.A assorbiet lis-socjetà Upim;

"10.2. Illi però dan il-fatt ma jirrizultax li kien maghruf mir-rikorrenti qabel ma intavolaw il-procedura odjerna;

"10.3. Illi s-socjetà Gruppo COIN S.p.A. ghalhekk assumiet d-drittijiet u l-obbligi kollha precedentement mizmuma mis-socjetà Upim;

"Ikkunsidrat:

"11.0. Illi rigward il-preskrizzjoni sollevata mis-socjetajiet intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

"11.1. Illi f'dan ir-rigward, jirrizulta li s-socjetajiet intimati jikkontradixxu il-linja difensjonali taghhom stante li fejn precedentement sostnew li l-vertenza odjerna kienet wahda ta' natura kontrattwali u ghalhekk, rizervata ghall-qorti Taljana, hawn ivarjaw id-difiza u jsostnu minflok li l-vertenza hi ta' natura delittwali biex b'hekk jinvokaw il-preskrizzjoni biennali ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"11.2. Illi minn analizi fattwali tal-vertenza jirrizulta assodat li r-rikorrenti gew luzingati u mhollija jidhlu fi ispejjez ingenti ghaliex inghataw l-

impressjoni li kienu qed jittrattaw ma socjetà serja li kienet ser izzomm l-impenji taghha fil-konfront ta' l-istess rikorrenti;

"11.3. Illi l-preskrizzjoni in dizamina, senjatament dik rigwardanti l-culpa in contrahendo qabel il-konkluzjoni tal-kuntratt, tirrizulta li hi dik ta' hames (5) snin, (ara artiklu 2947 tal-Kodici Civili Taljan), li f'dan il-kaz ikun hekk applikabbli;"

Rat li wara li nghatat dik is-sentenza, s-socjetajiet konvenuti ghamlu rikors fit-13 ta' Ottubru, 2015 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu talbu l-permess ta' dik il-Qorti sabiex a tenur tal-Artikolu 231(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) jappellaw mis-sentenza preliminari tas-7 ta' Ottubru, 2015.

Fil-15 ta' Ottubru, 2015 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li rat l-imsemmi rikors u l-artikolu tal-ligi, laqghet it-talba peress li r-rikors sar fit-terminu impost mil-ligi.

Fl-20 ta' Ottubru, 2015, is-socjetajiet konvenuti ghamlu rikors iehor fejn, sabiex jigi osservat id-dispost tal-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talbu li d-digriet li nghata fil-15 ta' Ottubru, 2015 jinghata fil-miftuh, fl-udjenza li kien imiss fit-12 ta' Novembru, 2015, b'dan li t-terminu ghall-appell ghandu jibda jghaddi minn tali gurnata.

Rat li waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2015, wara li l-Qorti rat ir-rikors u l-imsemmi artikolu, laqghet it-talba.

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetajiet konvenuti li sar fl-1 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu talbu li s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tas-7 ta' Ottubru, 2015 tigi dikjarata nulla u minghajr effett u konsegwentement, sabiex ma jintilifx il-beneficcju tad-*doppio esame*, tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qort sabiex tinghata decizjoni skont il-ligi, jew fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik l-istess sentenza in kwantu cahdet l-ewwel seba' eccezzjonijiet preliminari tas-socjetajiet konvenuti, u minflok tghaddi sabiex tilqa' l-istess eccezzjonijiet, jew liema minnhom, u dan bl-ispejjez kollha a karigu tal-appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetatjiet appellati li permezz taghha talbu li l-appell interpost mis-socjetajiet konvenuti ghandu jigi dikjarat *fuori termine* in relazzjoni mal-aggravju relatat mal-eccezzjonijiet ta' inkompetenza u/jew nuqqas ta' gurisdizzjoni, u fi kwalunkwe kaz ghandu jigi michud fit-totalità tieghu bhala infondat fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement tirrimanda lura l-atti ghall-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet appellanti.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2016, il-partijiet ittrattaw l-appell u l-appell baqa' differit ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jinghad mal-ewwel li in kwantu s-sentenza appellata cahdet ukoll id-disa' eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti, jigi innotat li ma tressaq ebda appell fir-rigward u konsegwentement l-istess parti tas-sentenza ghandha l-effett ta' gudikat fil-konfront tal-partijiet.

Fl-ewwel aggravju taghhom is-socjetajiet appellanti issollevaw in-nullità tas-sentenza appellata fis-sens li jissottomettu li l-ewwel Qorti, fir-rigward tas-sitt u s-seba' eccezzjonijiet preliminari taghhom, ma tat ebda raguni li fuqhom hija kienet qeghda tibbaza d-decizjoni taghha u ghalhekk ma osservatx dak stabbilit fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> *"**218.** Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuti."*

Jirrizulta pacifiku li l-pronuncja tal-Qorti fuq talba jew eccezzjoni partikolari tista' tkun implicita – ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet: **Lloyds (Malta) Limited et v. Air Malta plc,** fejn inghad:

> "*Illi ssir riferenza għall-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Ġunju 1946*[1] *fejn intqal is-segwenti*:
>
> "*Il-pronunċja tal-Qorti fuq talba, jew-meta l-liġi ma tirrikjedix diversament-fuq eċċezzjoni proposta, tista' tkun impliċita. U dan jiġri meta din il-pronunċja tkun konsegwenza neċessarja tal-pronunċja espressa. F'dan il-każ ikun biżżejjed li mill-parti razzjonali tas-sentenza jkun jidher li tkun giet meħuda in konsiderazzjoni t-talba jew l-eċċezzjoni, impliċita milqugħa jew micħuda, ossija li jkun inżamm kont tagħhom, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dispozizzjoni tal-liġi li tgħid li s-sentenza għandha qabel xejn ikun fiha r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat il-pronunċja tagħha*."

Hekk ukoll f'dan il-kaz huwa ritenut li mill-parti razzjonali tas-sentenza huwa car li l-ewwel Qorti kienet qeghda tikkonsidra l-eccezzjonijiet preliminari kollha meta hija cahdithom permezz tas-sentenza appellata.

Din il-Qorti tosserva li taht l-istess aggravju s-socjetajiet appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi biss l-eccezzjonijiet preliminari u mhux tidhol fil-mertu tal-azzjoni, peress li l-partijiet ghad iridu jressqu provi f'dan ir-rigward. Din il-Qorti ma taqbilx mal-asserzjoni maghmula mis-socjetajiet appellanti, peress li l-ezami tal-provi f'dan l-istadju li twettaq mill-ewwel Qorti kien wiehed sintetiku, izda fil-parti operattiva tas-sentenza, jirrizulta car li kienu qeghdin jigu decizi biss l-eccezzjonijiet preliminari.

[1] Kollezz. Volume 32D (1946), Part No. 2, Section, Page 370

Inoltre huwa ritenut ukoll li l-principju li jirrizulta minn dan il-provvediment (Artikolu 218) mhux xi wiehed assolut, in kwantu, "*in-nullità ta' sentenza m'ghandiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta*". (**Kollez. Vol. XXX pI p953**).

F'dan il-kuntest ikun opportun li f'dan l-istadju jigu investiti l-aggravji l-ohra tas-socjetajiet appellanti. Jekk is-sentenza tal-ewwel Qorti tirrizulta gusta fis-sostanza, ma jkunx hemm lok ghat-thassir taghha.

It-tieni aggravju tas-socjetajiet appellanti huwa ibbazat fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti dwar l-inezistenza ta' Upim S.r.l., stante li b'effett li mill-1 ta' Jannar, 2013, din is-socjetà giet amalgamata mas-socjetà konvenuta l-ohra, Gruppo Coin S.p.A., u ghalhekk it-talbiet tas-socjetajiet attrici ma jistghux jirnexxu in kwantu diretti kontra Upim S.r.l. Huma jirreferu ghax-xiehda tal-avukat Salvatore Gaudiello li minnha, fost affarijiet ohra jirrizulta:

> *"As a consequence of such merger, Upim has been cancelled from the Register of Companies held by the Chamber of Commerce of Venice on January 1, 2013, and does not exist anymore in the Italian legal system."*

Mill-provi jirrizulta nkontestat li s-socjetà konvenuta Upim S.r.l. giet kancellata minn fuq ir-registru tal-kumpaniji, konsegwenza tal-

amalgamazzjoni fis-socjetà konvenuta l-ohra. Fil-fatt fl-Artikolu 3 tal-att ta' amalgamazzjoni jinghad:

> *"**A seguito della presente fusione le società** … e **Upim SrL si estinguono e la società Gruppo Coin SpA con unico socio ne acquisisce il patrimonio, nelle sue componenti attive e passive, subentrando in tutti i diritti e obblighi e nei rapporti giuridici delle società incorporate.**"*

Fil-verità din it-tezi hija korraborata wkoll bil-parir tal-avukat Giampaolo Cortellazzo-Wiel, li tqabbad mis-socjetajiet appellati meta jinghad:

> *"Non si può dubitare, infatti, che **Gruppo Coin SpA con unico socio sia succeduta a titolo universale nella posizione giuridica di Upim Srl.**"*

Peress illi meta gew intavolati l-proceduri gudizzjarji odjerni s-socjetà Upim S.r.l., kienet diga' kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet fl-Italja, l-istess socjetà Upim S.r.l. ma kienx hemm ghalfejn tigi adita bhala konvenuta flimkien mas-socjetà konvenuta l-ohra f'dawn il-proceduri gudizzjarji institwiti. Madankollu jigi innutat ukoll li ghalkemm is-socjetà konvenuta Upim kienet kancellata mir-registru tal-kumpaniji fl-1 ta' Jannar, 2013, jigifieri xahrejn biss qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri, mill-assjem tal-provi mressqa dan il-fatt ma kienx necessarjament maghruf mis-socjetajiet appellati fil-mument li tressaq ir-rikors promotur.

Lanqas ma tirrizulta prova li s-socjetajiet attrici gew infurmati mis-socjetajiet konvenuti li sehhet l-amalgamazzjoni qabel ma nbdew il-

proceduri odjerni. Sahansitra il-linja difensjonali adottata mis-socjetajiet appellanti ma ghenitx biex ticcara l-posizzjoni. Barra minn dan, is-socjetà konvenuta Coin qeghda tikkontendi, taht is-seba' eccezzjoni, li hija ma tistax twiegeb ghall-pretensjonijiet attrici in kwantu dawn huma bbazati fuq delitt jew kwazi-delitt li gew imwettqa minn socjetà kummercjali ohra (Upim)! Dan l-ilment fih innifsu ser jigi ittrattat taht l-aggravju relattiv.

Ghalhekk ikun prematur li din l-eccezzjoni tintlaqa' f'dan l-istadju u ghaldaqstant dan it-tieni aggravju m'ghandux jintlaqa'.

It-tielet aggravju jitratta f'daqqa t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet dwar gurisdizzjoni u kompetenza, li qabel ma jigi investit jehtieg li ssir analizi ta' pregudizzjali importanti li tqajjem fir-risposta tas-socjetajiet appellati, senjatament dak li sa fejn l-appell jikkoncerna dawn l-eccezzjonijiet, sar *fuori termine,* u kwindi null u ineffettiv. Ghandu jinghad mal-ewwel li sa fejn l-appell mis-sentenza jitratta l-kompetenza tal-Qorti m'hemm l-ebda dubju li dan huwa *fuori termine* peress li huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi appell minn sentenza dwar gurisdizzjoni irid isir fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza, u dan minghajr htiega ta' permess mill-Qorti. Dan hu hekk anke jekk is-sentenza fuq il-gurisdizzjoni ma nghatatx wahedha izda flimkien ma'

decizjoni fuq eccezzjoniiet preliminari ohra li kienu jehtiegu l-permess ghall-appell mill-ewwel Qorti.

Is-socjetajiet appellati qed isejjsu l-posizzjoni taghhom fir-rigward fuq l-Artikoli 231 u 234 tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghall-ahjar intendiment ta' dan il-punt, huwa importanti li jigi jigu citati l-istess artikoli:

> *"**231.** (1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell: Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh."*

Filwaqt li l-Artikolu 234 jiddisponi hekk:

> *"**234.** Bla hsara tad-disposizzjonijiet specjali ohra ta' dan il Kodici dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza minhabba x-xorta tal-haga fil-kawza, minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista' jsir appell; u l-qorti tista' twaqqaf is-smigh tal kawza sakemm jinqata' dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell, meta ebda wahda mill-partijiet ma tipprova lill-qorti, li t-twaqqif tas-smigh tal-kawza jista' jkun ta' hsara ghaliha."*

Hawnhekk issir referenza ghar-rassenja gurisprudenzjali maghmula fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Mario Vella et v. Malta Industrial Parks Limited et**, fejn inghad:

"*Kif sewwa semmew l-appellati fir-risposta taghhom din il-Qorti fil-kawza fl- ismijiet* ***Koca Mehmet nomine v. Dr Simon Micallef Stafrace nomine*** *(3 ta' Frar 2010) qalet hekk:*

*"Ghalhekk hawn isib distinzjoni netta bejn appelli minn sentenzi preliminari ta' kull generu li jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex dak l-appell jigi ntavolat qabel is-sentenza finali, u dawk l-appelli minn sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-qorti li ma jehtiegux din l-awtorizzazzjoni. Naturalment sentenza dwar kompetenza fejn il-qorti tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza, qatt ma tista` tirrikjedi l-permess tal-qorti li tkun ppronunzjata biex isir appell u dan billi tali sentenza, fiha nnifisha, ma tkunx wahda preliminari izda pjutttost finali billi b'dak il-pronunzjament il-gudizzju jigi terminat. F'dan il-kaz il-legislatur ma kellux bzonn li jipprovdi billi jkunu japplikaw l-provvediment generali koncernanti appelli minn sentenzi finali. Biss fil-kaz ta' sentenza fejn il-Qorti tkun cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha, u b'hekk iddikjarat ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz, bhal fil-kaz in ezami, dik is-sentenza tkun wahda preliminari billi l-process gudizzjarju jibqa' mixi. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-legislatur, kieku ried, halla l-kwistjoni ta' l appellabilita` minn dik is-sentenza qabel is-sentenza finali li tigi regolata bl-artikolu 231 bhal kazijiet l-ohra. Izda jidher li dan ma kienx dak li ried il-legislatur billi mhux talli f'dawn il-kazi, kkonferixxa dritt ta' appell lill-parti interessata minghajr ir-rekwisiti tal-artiklu 231 talli iddispona oltre meta ikkonferixxa fuq il-Qorti tal-Ewwel Grad id-diskrezzjoni tal-ghazla li twaqqaf is-smigh tal-kawza sakemm jinqata dak il-punt fil-Qorti fi grad ta' Appell."*

*"Dan il-bran gie ripetut kelma b'kelma fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-istess gurnata fil-kawza fl-ismijiet* ***Gaming VC Corporation Limited v. Boss Media Malta Casino Ltd et*** *fejn allura din il-Qorti ddecidiet li sentenza pronunzjata fuq il-kompetenza tal-Qorti ma ghandhiex bzonn il-permess imsemmi fl-Artikolu 231 fuq imsemmi biex tigi appellata. Kwindi tajjeb jghidu l-appellati li f'kaz bhal dan, il-perjodu ghal intavolar tal-appell beda ghaddej mid-data li giet pronunzjata s-sentenza inkwistjoni u allura l-appell odjern gie prezentat fuori termine.*

*"Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza deciza fis-6 ta' Frar 2008 fl-ismijiet* ***Kenneth Abela v. Aplan Limited et****:*

*"Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997); Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew*

> *interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita"." ("Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007).*

Ghalkemm il-pregudizzjali imqajjem mis-socjetajiet appellati, li l-appell mis-sentenza, in kwantu l-ewwel Qorti iddikjarat ruhha kompetenti tisma' l-kawza odjerna sar ben oltre t-terminu tal-ghoxrin jum mid-data tas-sentenza appellata, jirrizulta gustifikat, fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tinvesti l-mertu tal-aggravju in ezami relattiv ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti.

L-aggravju tas-socjetajiet appellanti huwa msejjes fuq l-Artikoli 741(a) u (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 23 tar-Regolament 44/2011/KE, peress li jikkontendu li l-partijiet permezz tal-*Franchising Agreement* ftehmu li kellha tapplika l-ligi Taljana u li l-qrati ta' Milan biss ghandhom gurisdizzjoni jisimghu l-ilmenti tas-socjetajiet attrici. Jikkontendu wkoll li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2011/KE, li fuqu jistriehu s-socjetajiet appellati, m'ghandux japplika ghall-kaz in ezami u dan a bazi tal-principju *pacta sunt servanda*. Is-socjetajiet appellanti jiccitaw il-klawsola numru tmienja u ghoxrin (28) tal-*Franchising Agreement,* intitolat **Governing Law and Jurisdiction** in sostenn tat-tezi taghhom, li jipprovdi:

> *"28.1 – This agreement along with the single orders for the supplies of products by the Franchisor to the Franchisee are governed by Italian Law, exclusive of the Vienna Convention on the international sale of products.*
>
> *"28.2 – Any dispute concerning the interpretation, validity, performance and termination of this agreement and of the single supplies of products by the Franchisor to the Franchisee shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Court of Milan."*

Is-socjetajiet appellanti jikkontendu li dak li gie miftiehem bil-miktub kuntrattwalment ma setax jigi mwarrab mis-socjetajiet attrici appellati meta iddecidew li jifthu l-proceduri odjerni quddiem il-qrati Maltin, peress li fil-fehma taghhom is-socjetajiet appellati ma setghux jisseparaw dak li jipprovdi l-*Franchising Agreement* minn dak li qeghdin jippretendu permezz tal-kawza in ezami.

Min-naha l-ohra s-socjetajiet appellati jaqblu li ghandu jigi applikat, ghall-vertenza in ezami, ir-regolament 44/2001/KE, izda jaghmlu referenza ghall-Artikolu 742(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi:

> "*Meta disposizzjoni ssir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament tal-Unjoni Ewropea fejn tintghamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta'dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu taht dik id-disposizzjoni l-ohra u ghandhom biss japplikaw ghal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-ohra ma tapplikax."*

Huma, fil-fatt, jinsistu li l-kawza mressqa minnhom mhix wahda kuntrattwali a bazi tal-*Franchising Agreement,* izda wahda fejn qeghda

tintalab dikjarazzjoni ta’ agir doluz u/jew ta’ negligenza grossolana, kemm qabel ma kien hemm il-kuntratt (*culpa in contrahendo*), kif ukoll *dolo* f’relazzjonijiet bejn il-kontendenti waqt li kien ghaddej il-kuntratt, u dan lil hinn minn dak li jipprovdi l-istess kuntratt. Jishqu wkoll li skont l-istess klawsola, mhux kull disputa li tista’ tqum bejn il-partijiet hija suggetta ghall-kompetenza tal-qrati Taljani, u in kwantu l-azzjoni attrici mhix wahda ta’ inadempjenza kuntrattwali, taqa’ barra mid-dispost tal-klawsola 28 tal-*Franchising Agreement.*

Is-socjetajiet appellati jaghmlu distinzjoni bejn dawk il-vertenzi li huma dwar (a) l-interpretazzjoni, (b) il-validità, (c) l-ezekuzzjoni u t-terminazzjoni tal-ftehim u (d) dwar l-ordnijiet wahda wahda ta’ oggetti mixtrija taht il-*Franchising Agreement,* li certament jaqghu fid-dispost tal-klawsola 28 tal-imsemmi ftehim u allura suggetti ghal-ligi Taljana u ghall-gurisdizzjoni tal-qrati ta’ Milan, minn dak li hemm premess fil-kawza in ezami, li fil-fehma tas-socjetajiet appellati hija wahda extra-kuntrattwali, dwar *dolo* u/jew negligenza grossolana da parti tas-socjetajiet konvenuti li ikkawzaw danni lill-istess socjetajiet attrici.

L-argument tas-socjetajiet appellati huwa arginat fuq il-premessa li fejn tigi adoperata klawsola gurisdizzjonali generali, fis-sens li kull disputa li tista’ tinqala’ bejn il-partijiet dwar kuntratt, hija soggetta ghal-ligi tal-ghazla tal-partijiet ghall-ftehim u ghall-gurisdizzjoni partikolari, (ara f’dan

is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 12 ta' April, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **P.W.A. Co Limited v. Luisa Spagnoli S.p.A.**), taqa' sewwa sew fid-dispost tal-Artikolu 23 tar-Regolament 44/2001/KE, li jipprovdi:

> "*If the parties, one or more of whom is domiciled in a Member State, have agreed that a court or the courts of a Member State are to have jurisdiction to settle any disputes which have arisen or which may arise in connection with a particular legal relationship, that court or those courts shall have jurisdiction. Such jurisdiction shall be exclusive unless the parties have agreed otherwise*." –

f'liema kaz, il-Qrati taghna huma obbligati jirrikonoxxu tali klawsola gurisdizzjonali.

Madankollu, ladarba din il-kawza mhix ibbazata fuq danni ta' natura kuntrattwali, izda fuq *dolo* u negligenza grossolana da parti tas-socjetajiet konvenuti fin-negozjati li wasslu ghall-*Franchising Agreement,* u peress li l-partijiet fil-kuntratt specifikament ftehmu li l-klawzola gurisdizzjonali ghandha tapplika biss ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-erba' cirkostanzi elenkati qabel bhala (a) sa (d) relatati mal-kuntratt, is-socjetajiet appellati jsostnu li ghandu jigi applikat l-Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001/KE, li jipprovdi:

> *"A person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued:*
>
> *"…(3) in matters reating to tort, delict or quasi-delict, in the courts for the place where the harmful event occurred or may occur."*

Minn ezami ta' dan l-artikolu u tal-azzjoni attrici mressqa mis-socjetajiet appellati din il-Qorti tinsab konvinta li effettivament Malta huwa l-post fejn setghu jinhassu l-effetti tal-hsarat vantati mis-socjetajiet attrici.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li bejn il-partijiet tezisti relazzjoni kuntrattwali naxxenti mill-*Franchising Agreement*, fih innifsu, ma jeskludix il-possibiltà tal-ezistenza ta' "relazzjoni" bejn il-kontendenti fil-kawza a bazi ta' delitt jew kwazi-delitt.

F'dan il-kuntest issir referenza ghal sentenza partikolari enuncjata mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea senjatament dik bejn **Kalfelis and Bankhaus Schroeder, Munchmeyer, Hengst und Co** (kaz numru 189/87), fejn inghad:

> *"It must therefore be stated … that the term 'matters relating to tort, delict or quasi-delict' within the meaning of Article 5(3) of the Convention must be regarded as an independent concept covering all actions which seek to establish the liability of a defendant and which are not related to a 'contract' within the meaning of Article 5(1)…*
>
> *"It must therefore be recognized that a court which has jurisdiction under Article 5(3) over an action in so far as it is based on tort or delict does not have jurisdiction over that action in so far as it is not so based."*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-istess Qorti tal-Gustizzja Ewropea fil-kaz (li jgib referenza C 334/00) bejn **Fonderie Officine Meccaniche Tacchoni SpA u Heinrich Wagner Sinto Maschinenfabrik GmbH (HWS)**, inghad:

> *"In circumstances such as those of the main proceedings, characterised by the absence of obligations freely assumed by one party towards another on the occasion of negotiations with a view to the formation of a contract and by a possible breach of rules of law, in particular the rule which requires the parties to act in good faith in such negotiations, an action founded on the pre-contractual liability of the defendant is a matter relating to tort, delict or quasi-delict within the meaning of Article 5 (3) of the Convention…"*

Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hija tal-fehma li in kwantu l-azzjoni attrici mhix wahda ta' inadempjenza kuntrattwali, izda hija bbazata fuq allegat *dolo* u negligenza grossolana da parti tas-socjetajiet konvenuti fin-negozjati bejn il-partijiet, partikolarment dak li huwa l-*pre-contractual liability*, li l-effetti tal-allegati danni taghhom sehhew f'Malta, tirradika l-gurisdizzjoni fil-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001/KE.

Ghalhekk ghalkemm l-appell tas-socjetajiet appellanti, f'dak li jirrigwarda l-gurisdizzjoni u kompetenza tal-Qrati Maltin huwa *fuori termine*, fi kwalunkwe kaz, dan l-imsemmi aggravju jirrizulta wkoll bhala infondat.

Ir-raba' aggravju tas-socjetajiet appellanti huwa relatat mas-sitt eccezzjoni taghhom, cioè dwar in-nuqqas ta' interess guridiku da parti ta' Michele Peresso Fashion Limited. Huma jilmentaw li l-ewwel Qorti, cahdet din l-eccezzjoni minkejja li naqset milli tikkonsidraha.

Is-socjetajiet appellanti jikkontendu li huma qatt ma innegozjaw mas-socjetà attrici l-ohra Michele Peresso Fashion Limited, u li fil-fehma taghhom ma tressqet ebda prova da parti tas-socjetajiet attrici dwar l-interess li seta' kellha din l-istess socjetà. Huma jargumentaw illi s-socjetajiet attrici kellhom juru x'kien l-interess ta' Michele Peresso Fashion Limited fil-kawza odjerna u kif tali interess gie legittimament akkwistat minnha u li fin-nuqqas ghandha tintlaqa' l-eccezzjoni taghhom.

Mill-provi jirrizulta inkontestat li l-ftehim jew il-*Franchising Agreement* kien sar bejn is-socjetà Upim S.r.l. u Michele Peresso Limited. Jigi innotat li l-klawsola 16 tal-*Franchising Agreement* datat 16 ta' Ottubru, 2008, bejn is-socjetajiet firmatarji Upim S.r.l. u Michele Peresso Limited, jipprovdi proprju ghall-procedura msejha *Assignment of the agreement and/or Transfer of Business.* Hemm giet stipulata procedura li kellha tigi applikata f'kaz ta' cessjoni, li minnha hemm eskluz il-kaz fejn issehh cessjoni bejn Michele Peresso Limited u socjetà ohra li taqa' fil-portafoll ta' Michele Peresso Group, meta jinghad:

> *"16.2 – Consequently, should the Franchisee be willing to assign this agreement or any other right deriving herefrom to third parties,* ***exception being made for the assignment to other companies belonging to Michele Peresso Group,*** *and also in the event of transfer of quotas or shares or of transformation of the relevant corporate structure, the Franchisee shall previously inform the Franchisor of such circumstance, by way of registered mail with acknowledgement of receipt. Failure to comply with the foregoing undertaking by the Franchisee shall trigger the ineffectiveness of the relevant assignment or transfer."*

Ghalkemm il-kliem adoperat fil-klawsola in ezami mhuwiex wiehed felici, fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li f'kaz ta' cessjoni bejn Michele Peresso Limited u socjetà ohra fi hdan il-Michele Peresso Group, il-firmatarji ghall-ftehim ma pprovdew ghall-htiega ta' ebda formalità hekk kif imwaqqfa taht il-ftehim bejn il-kontendenti. Madankollu, ghalkemm cessjoni bejn socjetajiet attrici ma kienet tehtieg ebda formalità taht il-*Franchising Agreement* il-ligi stess tiddisponi li c-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub u li c-cessjoni ghandha tigi mgharrfa lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju, liema taghrifa mhix mehtiega jekk kemm-il darba d-debitur ikun accetta c-cessjoni (Artikoli 1470, 1471 u 1473 tal-Kodici Civili).

Mill-provi in atti, imressqa mis-socjetajiet attrici, jirrizulta li Michele Peresso Fashion Limited giet imwaqqfa proprju fl-ahhar tas-sena 2008 u li din is-socjetà tifforma parti minn Michele Peresso Group. Inoltre s-socjetà attrici Michele Peresso Limited hija azzjonista fis-socjetà attrici l-ohra Michele Peresso Fashion Limited. Filwaqt li jirrizulta car ukoll li s-socjetajiet attrici involuti huma ikkontrollati u mmexxija mill-familja Peresso, jirrizulta wkoll li s-socjetà attrici Michele Peresso Limited, informat bil-miktub lill-persuna legali rapprezentanti lil Upim S.r.l., permezz ta' ittra datata 8 ta' Jannar, 2010, dwar l-intenzjoni taghhom li ssehh tali cessjoni bejn is-socjetajiet attrici, u fl-istess ittra tintalab

konferma li din it-talba qeghda tintlaqa' da parti tas-socjetà Upim S.r.l. Izda ghajr firma li ticcertifika li giet ricevuta l-imsemmija ittra, da parti tal-istess persuna legali, mill-atti ma jirrizultax li din l-ittra qatt kien hemm twegiba ghaliha da parti tas-socjetà Upim S.r.l.

Fir-rikors promotur jinghad li Michele Peresso Fashion Limited issuccediet lil Michele Peresso Limited u fil-fatt ix-xhud Emanuele Peresso, in kontro-ezami, fil-11 ta Dicembru, 2014, jishaq illi:

> *"L-assenjazzjoni in dizamina li semmejt qabel ma saritx a bazi ta' din l-ittra biss li tidher a fol. 255. Fil-fatt jibqa' li UPIM accettat illi l-assenjazzjoni issir favur is-socjetà Michele Peresso Fashion Limited u l-kuntratt gie finalizzat f'dan is-sens."*
>
> "Sussegwentement fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2015 jaghti versjoni differenti meta jghid:
>
> *"s-socjetà rikorrenti Michele Peresso Limited nghid li din hija l-holding company u s-socjetà rikorrenti l-ohra Michele Peresso Fashion Limted u socjetajiet ohra li huma fl-istess grupp bhal Eurosport u Europharma huma kumpaniji li joperaw fi hdan l-istess. Ahna dehrilna li l-kuntratt kellu jsir taht id-direzzjoni ta' Michele Peresso Limited."*

Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna li jinkombi fuq l-attur li jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. (Ara f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2004). Il-lakuna li giet riskontrata minn din il-Qorti, da parti tas-socjetajiet attrici, fuq dan il-punt, hija n-nuqqas taghhom li jressqu prova ta' kif Michele Peresso Fashion Limited effettivament issuccediet fid-drittijiet ta' Michele

Peresso Limited, senjatament, li jigi esebit il-kuntratt ta' cessjoni nnifsu bejn Michele Peresso Limited u Michele Peresso Fashion Limited.

Nonostante dan, pero`, jirrizulta li Michele Peresso Fashion Ltd ghandha interess fil-kawza. Is-socjetà attrici Michele Peresso Fashion Limited hija *subsidiary* tas-socjetà attrici l-ohra Michele Peresso Limited, li hija l-*holding company*, u ghandha interess fit-thaddim tal-ftehim bejn il-partijiet. Is-socjeta' Upim giet infurmata li kienet se ssir c-cessjoni lil wiehed tal-grupp, u s-socjetà estera ma ressqet ebda oggezzjoni. Oltre dan, jekk din is-socjetà attrici, bhala fatt, sofriet danni, ghandha interess tirreklama l-istess.

Ghaldaqstant dan ir-raba' aggravju tas-socjetajiet appellanti ma jirrizultax fondat u jsegwi li s-sitt eccezzjoni li s-socjetà attrici Michele Peresso Fashion Limited m'ghandhiex interess guridiku mitlub mil-ligi sabiex tipproponi din il-kawza ma hijiex ser tintlaqa'.

Jonqos li jigi trattat il-hames aggravju tas-socjetajiet appellanti, dak dwar jekk is-socjetà konvenuta Gruppo Coin S.p.A tistax twiegeb ghal delitti jew kwazi-delitti allegatament imwettqa minn socjetà kummercjali ohra, senjatament Upim S.r.l. u jargumentaw li persuni fizici ghandhom jirrispondu ghal delitti jew kwazi delitti u mhux socjetajiet kummercjali. Fl-appell taghhom is-socjetajiet appellanti jaghmlu referenza ghal xi

gurisprudenza fejn kien ritenut li socjetà kummercjali ma tistax twiegeb ghal delitti jew kwazi-delitti, li ghalihom ghandhom iwiegbu persuni fizici.

Jigi ribadit illi l-Artikolu 3 tal-att ta' amalgamazzjoni jipprovdi:

> *"**A seguito della presente fusione le società** … e **Upim SrL si estinguono** e la **società Gruppo Coin SpA** con unico socio **ne acquisisce il patrimonio, nelle sue componenti attive e passive, subentrando in tutti i diritti e obblighi e nei rapporti giuridici delle società incorporate.**"*
> Filwaqt li l-avukat Giampaolo Cortellazzo-Wiel, inkarigat mis-socjetajiet appellati jghid:
>
> *"Effetti delle Fusione*
>
> *(I) La società che risulta dalla fusione o quella incorporante assumono I diritti e gli obblighi delle società partecipanti alla fusione, proseguendo in tutti i loro rapporti, anche processuali, anteriori alla fusione…*
>
> *…*
>
> *Non si può dubitare, infatti, che **Gruppo Coin SpA con unico socio sia succeduta a titolo universale nella posizione giuridica di Upim Srl."***

In tema legali dwar ir-responsabilità ta' socjetà kummercjali ghal delitti jew kwazi delitti, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tat-3 ta' April, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Grech v. Charles Sciberras noe**, fejn gie citat dak li ntqal mill-Prim'Awla fir-rigward:

> "*Jista' forsi jigi obbjettat illi s-suddetti principji dottrinali u gurisprudenzjali ma japplikawx fil-kaz tal-kumpanija konvenuta in kwantu socjeta` b'responsabilita` limitata. Dan ma huwiex preciz tant li fir-rigward din il-Qorti, diversament presjeduta, gia` kellha okkazjoni toffri l-kummenti taghha u s-soluzzjoni guridika korretta fuq it-tematika in bazi ghall-izviluppi f'pajjizi ohra, senjatament dawk b'sistema tal-common law. Ara "Victor Galea -vs- Marin J. Hili nomine", 1 ta' Ottubru 1996. Kemm f'din is-sentenza kif ukoll f'dik l-ohra fl-ismijiet "John Farrugia et vs- Perit Joe Ellul Vincenti nomine", deciza fl-istess jum, dik*

> *il-Qorti enuncjat li "persuna guridika tista' wkoll tigi ritenuta responsabbli civilment ghall-danni konsegwenzjali ghal delitt jew kwazi delitt". Gja qabel dawn, pero`, fid-decizjoni "John Bugeja –vs- Giuseppe Maria Vella Gatt proprio et nomine", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' Dicembru 1975 konfermata in sede Appell fil-31 ta' Jannar 1997, kien inghad b'osservazzjoni ghall-fatti f'dik il-kawza illi "l-agir tas-socjeta` konvenuta kif immexxija mill-konvenut, jammonta ghall-agir, imprudenti u delittwali, u l-mod ta' kif sar id-depozitu tal-flus fil-Bank f'Jersey u l-izbank ta' l-istess flus sabiex jergghu jghaddu fil-pussess ta' l-istess socjeta` konvenuta, meta ma kienx hemm self debitament awtorizzat, jikkostitwixxi delitt aktar serju ta' misapproprjazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta". Ghalhekk dik il-Qorti ghaddiet biex issib lill-konvenut personalment u s-socjeta` konvenuta solidament responsabbli ghar-rifuzjoni ta' l-ammont mitlub mill-attur;"*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tirritjeni li ghandu japplika ghal dan il-kaz ukoll.

Fil-fatt kif gustament jirrilevaw is-socjetajiet appellati fir-risposta taghhom, il-principji sostnuti mis-socjetajiet appellanti gew sussegwentement sorpassati mill-gurisprudenza. F'dan is-sens huma jirreferu ghall-gurisprudenza estensiva fuq dan il-punt, (fejn jissemmew ukoll is-sentenzi citati mis-socjetajiet appellanti) trattati fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Settembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Borg pro et noe v. Pio Camilleri pro. Et noe,** li ikkonkludiet:

> *"Illi ghalhekk il-principju hu ben stabbilit li socjetà kummercjali tista' tinstab responsabbli ghal delitt jew kwazi delitt."*

Ghalhekk, lanqas dan l-ahhar aggravju ma jimmerita li jigi milqugh.

Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetajiet konvenuti billi tichdu u ghalhekk tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza sa issa, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu kollha mis-socjetajiet konvenuti appellanti.

L-atti qed jigu rinvjati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu, skont il-ligi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df